**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti Istruttorja**
**(Fl-Att dwar l-Estadizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 4 ta' Gunju 2025**

**Kaz Numru: 462/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Iulian Dinca**

Il-Qorti,

1. Rat li l-Prosekuzzjoni ipprezentat taht arrest lil Iulian Dinca ta' 33 sena ta' nazzjonalita Rumena, imwieled ir-Rumanija nhar it-28 ta' Lulju 1991 CNP No. 1910728170060, detentur tal-karta tal-identita' Rumena numru IF879854, passaport Rumen numru 064883955 u licenzja tas-sewqan Rumena numru 100342425F.

2. Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni fuq il-Mandat t'Arrest Ewropew tas-16 ta' Mejju 2025, u l-Alert taht is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen ghall-finijiet ta' estradizzjoni datata 19 ta' Mejju 2025, mahruga mit-Tieni Qorti Distrettwali ta' Bucharest ir-Rumanija – iz-zewg dokumenti gew ezebiti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri.

4. Rat ic-Certifikat mahrug fis-26 ta' Mejju 2025 mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 7 tal-Ordni dwar Pajjizi Barranin appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali Numru 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05).

5. Semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur tal-persuna arrestata;

6. Semghet lill-persuna arrestata tikkonferma li hija effettivament il-persuna imsemmija fil-Mandat ta' Arrest Ewropew;

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Ai termini tal-Artikolu 10 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), il-Qorti tiddeciedi li l-persuna migjuba taht arrest quddiemha hija effettivament il-persuna imsemmija fil-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mir-Rumanija.

8. Ai termini tal-Artikolu 11 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), il-Qorti infurmat lill-persuna arrestata bil-kontenut tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, u taghtu it-taghrif mehtieg dwar il-kunsens fl-Artikolu 11(2) tal-Avviz Legali 320 tal-2004.

9. Il-Qorti spjegat lill-persuna arrestata d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 43 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05).

10. Wara li l-Qorti ghamlet dak li gie hawn fuq espost, il-persuna arrestata, wara li ikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, ta l-kunsens irrevokabbli tieghu sabiex jigi mibghut lura lejn ir-Rumanija, fil-waqt li iddikjara li:

1. mhux qed jirrinunzja ghal xi dritt li ghandu (barra mill-kunsens li diga ta) li m'ghandux jigi trattat fir-Rumanija ghal xi reat li jkun ghamel qabel it-treggiegh lura tieghu, u cioe li hu mhux qed jirrinunzja ghar-*"rule of speciality"*

2. jinsisti li jigi applikat fil-konfront tieghu ir-Regolament 3.4 tal-Mandat t'Arrest Ewropew stante li hu ma giex personalment notifikat bis-sentenza sabiex:

   *" - the decision will be personally served without delay after the surrender, and*

   - *when served with the decision, the person will be expressly informed of his right to a retrial of appeal, in which he or she has the right to participate and which allows the merits of the case, including fresh evidence, to be re-examined and which may lead to the original decision being reversed, and*
   - *the person will be informed of the time frame within which he has to request a retrial or appeal, which is one month"*

11. Il-Qorti rat li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 43 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05) gew osservati.

12. Pero, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2025, Doreen Pickard, in rapprezentanza tar-Registratur ta' din il-Qorti, xehdet illi l-persuna arrestata ghandha kawza wahda pendenti quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali Maltija, rigward kriminalita organizzata, u ipprezentat id-dokument relattiv.

13. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tapplika id-diskrezzjoni moghtija lilha taht l-Artikolu 28A(2)(a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004 ((Ligi Sussidjarja 276.05).

**Konkluzjoni**

14. In vista ta' dak hawn fuq espost, il-Qorti:

1. Tordna li l-persuna arrestata Iulian Dinca jitqieghed taht kustodja u tordna li jintbaghat ir-Rumanija in forza tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug kontrih fis-16 ta' Mejju 2025, u l-hrug ta' Alert taht is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ghall-finijiet ta' estradizzjoni datat 19 ta' Mejju 2025, u dan ai termini tal-Artikolu 44 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05).

2. Ai termini tal-Artikolu 25 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti qed tinforma lill-estradat li:

   i. M'huwiex se jiġi mreġġa' lura lejn r-Rumanija qabel ma jgħaddu sebat (7) ijiem mid-data ta' din id-decizjoni;

   ii. Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta Malta), ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-kaz.

3. Madanakollu, ai termini tal-Artikolu 28A(2)(a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), il-Qorti qeghda tipposponi l-konsenja ta' Iulian Dinca sakemm fil-kawza fl-ismijiet *"Ir-Repubblika ta' Malta vs Iulian Dinca",* li qed tinstema' minn din il-Qorti diversament ippreseduta, tiġri xi ħaġa minn dawn li ġejjin:

   i. isir mill-akkuża, u cioe il-proceduri kriminali dwar din l-akkuza jigu maghluqa;
   ii. l-akkuża tiġi rtirata;

iii. il-proċedimenti dwar l-akkuża ma jitkomplewx;

iv. il-proċedimenti jiġu differiti *sine die*:

**Magistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**